



---

*Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi*

---

**2015/2233(INI)**

25.9.2015

## **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea dwar in-negozjati rigward il-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (TiSA)  
(2015/2233(INI))

Rapporteur: Monika Vana

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

- A. billi d-dimensjoni tal-ġeneru fil-qasam tal-kummerċ ta' spiss tiġi injorata, u l-ugwaljanza bejn is-sessi attwalment hija integrata fil-politiki u l-ftehimiet ta' kummerċ b'mod limitat biss;
  - B. billi l-Parlament ma kellux il-possibilità li jesprimi l-pożizzjoni tiegħu qabel l-adozzjoni, min-naħa tal-Kunsill, tal-mandat ta' nnegozjar għall-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (TiSA);
  - C. billi n-nisa jiddependu iżjed fuq is-servizzi pubbliċi mill-irġiel, b'mod partikolari fejn jidhru s-servizzi soċjali bħat-tħaris tat-tfal u l-kura tal-anzjani;
  - D. billi t-TiSA m'għandu bl-ebda mod idgħajjed il-progress li kisbet l-UE f'dak li jikkonċerna l-ugwaljanza bejn is-sessi;
1. Jemmen li sabiex il-Parlament ikun jista' jieħu deċiżjoni infurmata fir-rigward tal-approvazzjoni, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tas-sessi, kif ukoll valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, abbażi tal-valutazzjoni msaħħa tagħha tal-impatt ta' proposti leġiżlattivi ġodda fuq id-drittijiet fundamentali, u bil-għan li jiġi ggarantit li l-UE tiddefendi d-drittijiet tan-nisa b'mod li ħadd ma jkun jista' jmaqdar;
  2. Jiddispijaci li l-Parlament ma ġiex ikkonsultat qabel l-adozzjoni tal-mandat min-naħa tal-Kunsill; iqis li din hija opportunità mitlufa biex in-negozjati jsiru demokratiċi kemm jista' jkun u biex jiġu involuti dawk li mill-bidu nett jaf jintlaqtu l-aktar mit-TiSA, pereżempju n-nisa;
  3. Jirrakkomanda bil-qawwa li l-UE teżerċita r-rieda politika tagħha bil-għan li teskludi għalkollox lis-servizzi pubbliċi, b'mod partikolari s-servizzi soċjali kollha, kemm dawk iffinanzjati minn fondi pubbliċi kif ukoll dawk iffinanzjati minn fondi privati, mill-kamp ta' applikazzjoni tat-TiSA, u li tinkludi klawżola ta' riferiment (gold-standard clause) għal dawn is-servizzi sabiex tħares il-kwalità tagħhom;
  4. Jinsab imħasseb dwar il-possibilità li l-impatt tat-TiSA jaf ikun ippreġudikat f'dak li għandu x'jaqşam mal-ġeneri; jitlob li jiġu introdotti miżuri ta' akkumpanjament sensitivi għall-ġeneru biex jindirizzaw l-effetti negattivi li l-implimentazzjoni tat-TiSA jaf ikollha fuq in-nisa;
  5. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw il-kapaċità tagħhom li jiġbru statistika issegregata abbażi tal-ġeneru u li jwettqu analiżi tal-impatt li l-politiki u l-ftehimiet ta' kummerċ kollha jkollhom fuq is-sessi.